# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Mandat Inibizzjoni Numru 1270/17 TA**

**Frans Said bhala mandatarju tal-assenti Mary Bridget Booth skond prokura hawn annessa u mmarkata bhala dokument MB4**

**vs**

**Anthony Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Breakpoint Company Limited (C-24752)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Frans Said bhala mandatarju ta' Mary Bridget Booth tad-29 ta' Awwissu 2017;

Rat id-digriet taghha li jgib l-istess data;

Rat ir-risposta ta' Anthony Spiteri ghan-nom ta' Breakpoint Company Ltd.;

Rat id-dokumenti kollha esebiti miz-zewg partijiet ghar-rikors odjern;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017;

Semghet b'reqqa t-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta imsemmija.

**Ikkunsidrat**:

Ir-rikorrent qieghed jinsisti li l-intimat nomine ghandu jersaq, mhux ghall-bejgh u trasferiment tal-immobbli mertu ta' dan ir-rikors, ghaliex skontu abbazi ta' l-artikolu 1347 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta dan diga' sehh. Skont l-istess rikorrent kull ma jonqos hu, li tigi kompletata l-procedura formali tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku taht il-Ministeru ta' nutar skont kif titlob il-ligi.

F'dan ir-rigward, fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tar-rikorrent jaghmel distinzjoni bejn il-kaz odjern u promessa ta' bejgh ai termini tal-artiklu 1357 tal-Kodici Civili. In sostenn ta' din it-tezi, apparti sottomissjonijiet ohra, l-abbli difensur tar-rikorrent ghamel referenza ghal digriet, li fil-kors tat-trattazzjoni rrefera ghalih bhala Sentenza, fl-atti tal-mandat numru 80/2015/1 fl-ismijiet **Cranes & Commercial Sales Limted -vs- Carmelo Buhagiar tas-27 ta' Lulju 2015 per Imhallef Joseph R. Micallef**. Din il-Qorti ezaminat b'kura dan id-digriet biex, apparti konsiderazzjonijiet ohra ta'

natura legali, setghet tasal ghall-konkluzjonijiet taghha dwar dak li qed jintalab fir-rikors odjern.

Fid-dawl tal-provi prodotti qieset ukoll, l-artikoli kollha tal-Kodici Civili li qieghed jistrieh fuqhom ir-rikorrent, izda rat ukoll dak li jiddisponi l-artikolu 1363 tal-Kodici Civili, kemm fit-test Malti u kif ukoll dak Ingliz u kif ukoll l-artikolu 1233 tal-istess Kodici.

Il-Qorti tippremura, li ai fini tal-otteniment ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, ma hux kompitu taghha, kemm ghax hekk hi l-procedura u kif ukoll, fl-interess tal-partijiet, li tapprofondixxi d-dibattitu legali dwar id-dritt li jkun irid jikkawtela bil-mandat odjern. Dan huwa kompitu tal-Qorti li tigi adita sabiex tiddeciedi l-kawza apposita. Fl-istess hin, f'dan l-istadju l-Qorti trid tevita, li l-konstatazzjonijiet ai fini ta' dan il-mandat, ma jservux ta' ammunizzjoni legali li jistghu jaqgghu f'idejn xi wahda mill-partijiet fil-kawza li permezz taghha tkun dedotta l-pretensjoni.

Stabbilit dan kollu, din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament konstanti ta' dawn il-Qrati li *" l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob, il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet*

*pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu r-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultawx, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita."* (**ara digriet fl-atti tal-mandat numru 794/2011/1 fl-ismijiet PF Steel Ltd -vs- Tal-Herba Construction Ltd per Imhallef Mark Chetcuti datat 24 ta' Gunju 2011**).

Fid-dawl tat-taghlim gurisprudenzjali fuq imsemmi, wara li hadet kont tal-ligi in materja u sottomissjonijiet fuq imsemmija, din il-Qorti ma thossx li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-esistenza tal-elementi rikjesti sabiex din il-Qorti tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitlub fir-rikors odjern.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat artikolu 873(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li qed thassar 'contrario imperio' l-ordni provizorja taghha tad-29 ta' Awwissu 2017, qeghdha ghalhekk tichad fit-totalita' taghhom it-talbiet mitluba fir-rikors odjern.

Il-Qorti qeghdha tordna li dan id-digriet jingieb a konjizzjoni u notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u Registratur tal-Artijiet sabiex jaghmlu dak li titlob il-ligi fid-dawl tac-cahda tar-rikors odjern.

Spejjes tal-istanti riservati ghall-gudizzju finali tal-kawza diga` mibdija bejn il-partijiet.

Moghti kameralment illum, 5 ta’ Ottubru, 2017

**Imhallef Toni Abela**